MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2008

Talba Numru. 767/2006

**Nadine Fenech ID No : 264382(M)**

**Vs**

**Stefan Zammit**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** pprezentat fit-22 ta' Awissu 2006 fejn gie premess illi l-konvenut Stefan Zammit kien responsabbli sabiex jaghmel xoghol ta' krank u bronzini – wara ftit jiem il-karozza waqfet u kelli nhallas Lm50 labour biex terga` tahdem ghax kelli nittowjaha (total LM120) minn Rmf. Malli hadnieha minn Stefan kellha hoss ikrah ta' bearing (right side) li qatt ma ghamlitha qabel ghandi xhiedha ta' dan. Qalilna li bearing u biex wahhala r-rovinali l-ABS infatti xhiedha ta' din hi fil-bozza li baqghet mixghulha sinjal li ABS ma kienux jiffunzjona. Ghandi karta ta' provi – ingann ta' wiring. Wara gimgha bl-ingann tieghu tefa' l-bozza u vvinta li hadha ghand xi hadd San Gwann. Martin

– dal bniedem ma jezistix. Meta skidjajt u kellhi xorti li bqajt hajja hadtha ghand electrician tieghu u anki l-RMF qaluli li ABS kienu miksurin. Infatti ta' l-Rmf baqghet shiha u ta' Stefan miksura. Anki fuq clutch seraqni Lm20 u rcevuti kollha minghajr VAT.

Ra r-**Risposta** tal-konvenut tad-19 ta' Settembru 2006 fejn gie eccepit illi : (1) Minghajr pregudizzju t-talba attrici hija nulla u irritta stante li ma hemm ebda talba ghal kundanna ta' hlas u inoltre` ma hemm ebda spjegazzjoni ghal xiex huwa allegatament dovut is-sorte indikat; (2) Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt. Bl-ispejjez kontra l-attrici.

Sema` x-xhieda kollha prodotti u ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti.

Sema` t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet u ra illi l-kawza thalliet ghal-lum ghad-decizjoni.

Ikkunsidra :

Illi l-attrici qed titlob hlas ta' mitejn u sebgha u tmenin Liri Maltin (LM287.00) wara illi hadet il-vettura taghha ghand il-*mechanic* konvenut u zviluppat hsara fil-vettura taghha.

Jinghad qabel xejn illi l-mod kif inhu formulat l-Avviz xejn mhu felici – u t-Tribunal qed jifhem kemmxejn ahjar il-posizzjoni u t-talba ta' l-attrici mix-xhieda taghha u mid-dikjarazzjoni taghha.

In sintesi jidher (minn Dok NF1) illi l-ex-boyfriend ta' l-attrici kien negligenti meta biddel iz-zejt tal-vettura ta' l-istess attrici bil-konsegwenza illi l-vettura kellha hsara u dahhlet ghat-tiswija ghand il-konvenut. Il-konvenut kellu jsewwi l-hsara ta' bronzini u krank u kellu jhallas l-ex boyfriend ta' l-attrici Malcolm Grech.

Jirrizulta illi l-ghada li harget il-vettura mit-tiswija, l-konvenuta kellha terga` tmur ghand il-konvenut minhabba li hoss fir-rota li l-konvenut gharrafa illi kienu mill-bearings. Izda mbaghad l-attrici tghid illi l-hsara jidher li kienet fl-

ABS – anke jekk tistqarr li hallset Lm31.20 biex biddlet il-bearings. Tispjega illi l-ABS sofra hsara meta nbiddlu l-bearings, anke jekk il-konvenut kien jghidilha illi kellha biss bzonn zmien biex terga` tissettja ruha.

Fl-affidavit taghha l-attrici taghmel numru ta' kummenti zejda li t-Tribunal juri l-istmerrija tieghu ghalihom u wkoll tidhol fi kwistjonijiet bejnha u bejn Malcolm Grech u kwistjonijiet bejn Malcolm Grech u l-konvenut – li t-Tribunal qed jiskarta bhala irrelevanti.

Fl-affidavit taghha l-attrici tghid ili qed titlob total ta' erba` mija u disa` u hamsin Liri Maltin (LM459) li tghid illi huma flus li kellha tohrog frott it-traskuragni tal-konvenut. Taghti anke rendikont tas-somma ndikata – izda t-Tribunal josserva illi l-Avviz gie ntavolat ghas-somma ta' mitejn u sebgha u tmenin Liri Maltin (LM287).

Il-konvenut minn naha tieghu jispjega x'kien qallu Malcolm Grech dwar il-hsara fil-filter taz-zejt tal-vettura ta' l-attrici. Jghid illi Malcolm Grech accetta stima ta' Lm190 ghax-xoghol li kellu jsir fuq il-vettura (Dok WF3). Jghid illi l-vettura sarulha xi xogholijiet, izda kienet fi stat hazin u traskurata.

Jichad illi biex ghamel ix-xogholijiet mess il-wires ta' l-ABS. Dwar il-wiring jghid illi jidher li l-hsara saret meta Malcolm Grech ipprova jbiddel iz-zejt.

Jispjega illi huwa thallas ta' xogholu u kkonsenja l-vettura lura lill-attrici. Meta ressqet bl-ilment tal-bearings, il-konvenut jghid ili dawn ma kellhomx x'jaqsmu max-xoghol maghmul minnu. Ghalkemm ghamel il-bearings ta' naha wahda – jghid illi mbaghad l-attrici lmentat mill-bozza ta' l-ABS. Il-konvenut minn naha tieghu spejaga illi l-ABS ma' missux – u fehem illi l-attrici kienet qeghda tapprofitta ruhha billi tressaq ilment wara l-iehor biex tapprofitta ruha minnu jew mill-ex-boy-friend taghha.

Ikkunsidra ulterjorment :

Illi t-Tribunal ghandu quddiemu zewg versjonijiet konfliggenti – izda ma' jsib ebda diffikulta jikkonkludi illi l-verzjoni tal-konvenut hija aktar vero-simili. Dan qed jinghad mhux biss ghall-attitudni ta' l-istess attrici anke waqt is-seduti u d-deposizzjoni taghha, izda wkoll ghad-diskrepanzi li hargu mix-xhieda taghha, partikolarment dwar l-ammont mitlub u dwar il-hoss tal-bearings li jidher li kien hemm qabel ma dahhlet il-vettura ghand il-konvenut.

Mill-assjem tal-provi kollha t-Tribunal jikkonkludi li problema fil-vettura ta' l-attrici frott hsara maghmula minn Malcolm Grech (ex-boyfriend ta' l-attrici), l-attrici qed tittanta titfa` fuq il-konvenut.

Min jallega irid jipprova u t-Tribunal mhux sodisfatt illi l-attrici ppruvat il-pretensjoni taghha fil-grad rikjest mill-ligi. It-Tribunal ma jhossx illi l-attrici ppruvat il-pretensjonijiet taghha, mhux biss ghad-diskrepanzi li jirrizultaw fil-verzjonijiet diversi, izda ukoll ghal certu diskrepanzi rizultanti mix-xhieda taghha stess, bhal per ezempju, l-ammont minnha riklamat.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-provi kollha prodotti u d-dokumenti kollha esebiti, jaqta` u jiddeciedi billi filwaqt illi jilqa` l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jichad it-talba attrici.

Bl-ispejjes kontra l-istess attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------